KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Jannar 2012

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tas-Sitta u Sittin (66) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah is-Sitta u Sittin (66) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Hamis 5 ta' Jannar 2012 fil-5.30pm.**

Is-Sitta u Sittin (66) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Hatra ta' Skrivan Gdid
6. Zona tal-Park and Ride
7. Gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V
8. Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat
9. Pubblikazzjoni tal-Hidma tal-Kunsill Lokali Floriana 2007-2012
10. Aġġornament tal-laqgħa

Ghas-Sitta u Sittin (66) laqgha tal-Hames Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Vici Sindku Franco Davies, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hamsa u sittin (65) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-materja tal-handyman diskussa f'materja nru. 12.4 tal-laqgha precedenti kellha tigi mpoggija fuq l-agenda. Il-Kunsill qabel li din ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

1.3 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku, minn zewg Kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**Nota: 17:32 Il-Kunsillier Vincent Borg talab sospensoni tal-ordni tal-agenda.**

***Il-Kunsillier Vincent Borg xtaq jiskuza ruhu mas-Sindku u mal-Kunsilliera shabu ghal dak li gie diskuss fil-laqgha precedenti f'materja nru. 17,7 rigward il-laptop tal-Kunsill u l-access ghall-ufficcju amministrattiv. Huwa zied jghid li kellu informazzjoni zbaljata u li ma kienx jaf li l-ligi kienet inbidlet ricentement.***

**Nota: 17:35 Is-Sitta u Sittin (66) Laqgha tal-Hames Kunsill Lokali tkompliet.**

1.4 Il-minuti tal-laqgha straordinara tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.5 Il-minuti msemmija f'1.4 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku, minn zewg Kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li x-xoghol li kellu jsir fil-bini tal-Floriana Senior Citizens mis-Sur Karl De Flavia ma kienx ghadu sar. Is-Sindku ppropona li l-kuntrattur jigi mgharraf li ghandu gimgha cans li jlesti x-xoghol u jekk jonqos milli jaghmel dan, il-Kunsill ghandu jinformah li l-Kunsill ser jikkunsidra li ma jinkarigahx f'xogholijiet simili. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jivverifika mad-Dipartiment dwar x'tip ta' passi jista' jiehu l-Kunsill ladarba kien diga thallas ghal dan ix-xoghol li ma kienx sar b'mod soddisfacenti.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill jikteb lill-Perit li kien iccertifika ix-xoghol diskuss f'materja nru. 2.1 u jinformah li jekk dan ix-xoghol ma kienx sar b'mod soddisfacenti, ma kellu qatt jigi ccertifikat. Il-Kunsill qabel.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li s-Sur Justin Haber kien ressaq proposta gdida lill-Kunsill fejn ippropona li t-tennis court jinaghta wicc gdid li jkun jista' jintuza kemm ghat-tennis kif ukoll ghall-futbol u li jitrangaw ic-changing rooms, kollox a spejjez tieghu. Huwa kien ippropona wkoll li jaghti sponsorship ghall-akkademja tal-futbol lil tlett itfal Furjanizi u kien anke assigura lill-Kunsill li l-picc mhux ser jintuza fil-festi pubblici u meta t-tfal ikunu bil-vaganzi tal-iskola. Huwa assigura wkoll li t-training isir wara nofsinhar mit-3pm sas-7pm u s-Sibt filghodu u dan biex jinghata cans lit-tfal Furjanizi jibqghu jaghmlu uzu mill-picc. Is-Sindku zied jghid ukoll li s-Sur Haber kien offra lill-Kunsill li jkun jista' jibqa' jikri z-zewg piccijiet fil-hinijiet li ma jkunx qed jaghmel uzu minnom. Is-Sindku zied jghid li jekk il-Kunsill ser jaqbel ma' din il-proposta, il-kuntratt kien ser jigi ffirmat ghal ghaxar snin. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu l-ewwel jiccekkja mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jekk din il-proposta tistax tigi milqugha u jekk iva, il-Kunsill ghandu japprova bil-patt u l-kundizzjoni li kull

m'hemm u li jsir fiz-zewg jibqghu u jsiru rispettivament l-assi tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jitlob lis-Sur Haber jipprovdi din it-talba bil-miktub u jispecifika l-kundizzjonijiet kollha li gew proposti minnu fil-laqgha li kellu mal-Kunsill.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien innota li kull darba li l-Kunsill ikollu bzonn jikri xi barriers ghal xi attivita', l-ispiza kienet qed tammonta ghal eluf t'ewro. Ghalhekk, huwa ppropona li l-Kunsill jixtri ammont ta' barriers ghalih u japplika biex issir bye-law sabiex ikun jista' jikrihom meta ma jkunx qed jaghmel uzu minnom. Il-Kunsill qabel fil-principju u qabel li ghandu johrog Expression of Interest ghal mitejn barrier jew inqas, sabiex jara jekk jaqbillux jixtri dan l-ammont ta' barriers.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien ra qafas t'iljun maghmul mill-haxix u ppropona li l-Kunsill jikkunsidra ipoggi wiehed f'xi wiehed mill-gonna tieghu. Il-Kunsill qabel mal-proposta u qabel li ghandu jikkuntattja lill-Environmental Landscape Consortium biex jara jekk dan jistax isir.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Standard Publications Ltd. fejn informaw lill-Kunsill li ma setghux jibqghu joffru l-gazzetta taghhom lill-Kunsill minghajr hlas u offrew li din tibda' tinxtara ghal prezz ridott. Il-Kunsill ma laqax din il-proposta u ghalhekk qabel li l-gazzetta The Malta Independent ma tkompliex tinxtara.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur Anton Zarb fejn talab li jigi ezonerat milli jhallas il-multa li kien impona fuqu l-Kunsill peress li l-litter bins ordnati kienu waslu tard. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' din it-talba u qabel li ghandu jimmulta lis-Sur Zarb ghall-perjodu mill-ahhar ta' Novembru sad-data li fiha waslu l-bins galadarba kien hu stess li kien assigura lill-Kunsill li kellhom ikunu nstallati sal-ahhar ta' Novembru.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand Vodafone Malta fejn talbu permess biex jarmaw il-mobile unit fi Vjal ir-Re Dwardu VII matul il-jiem tal-Karnival. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jikteb lill-Pulizija biex jibghatu l-kundizzjonijiet taghhom.

2.9 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li wara l-laqgha li kellu mal-organizzaturi tal-Karnival fejn gie nformat li l-parkegg ta' magenb il-Fosos kien ser jintuza minnhom fil-jiem tal-Karnival, huwa ma kienx ircieva iktar notizji. Ghalhekk is-Sindku ppropona li l-Kunsill jikteb lill-Pulizija tispecifika fejn jistghu jigu rilokati l-gabbani li kienu jarmaw f'dan il-parkegg fil-jiem tal-Karnival. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li f'kaz li l-postijiet ikunu limitati, il-Kunsill ghandu jtella' l-posti bil-polza.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward artiklu li deher fil-gazzetta fejn qara li l-Kunsill kien gie mmultat mal-€1000 minhabba li r-rapport finanzjarju ma kienx wasal ghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fil-hin. Is-Sindku wiegeb li dan ma kienx zball tal-Kunsill izda kien nuqqas mill-awditur imqabbad mill-Gvern Centrali u li kien hemm hafna kunsilli lokali ohrajn li kien gralhom l-istess. Huwa zied jghid li l-Kunsill kien diga kiteb lid-Dipartiment biex jikkontesta din il-multa u kien diga gie nformat mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li kienu qed jitrattaw din il-kwistjoni mad-Dipartiment.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward id-data tal-gheluq tal-applikazzjonijiet ghal tibdil u manutenzjoni fil-bini tal-Gvern. Is-Sindku wiegeb li dawn l-applikazzjonijiet kellhom jintlaqghu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Dicembru 2011. Il-Kunsill qabel li l-lista ghandha tintbaghat lill-Housing Authority mill-aktar fis sabiex ikunu jistghu jinbdew il-proceduri necessarji biex jibdew ix-xogholijiet mehtiega.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-bankini ta' Triq l-Argotti u ta' Triq l-Iljun. Is-Sindku wiegeb li l-ghada kien ser ikollu laqgha mal-Ministru Dolores Cristina fejn kien ser jigi diskuss dan u aktar.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward sigra baxxa li hemm faccata ta' Lalu's Bar u nforma li resident partikolari kien habat maghha u wegga rasu. Is-Sindku wiegeb li jkun ahjar jekk il-Kunsill jikkuntattja lill-Environmental Landscape Consortium biex jinformahom b'dan u jitlobhom jiehdu azzjoni.

3.5 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-konferenza stampa li saret ix-xahar li ghadda u saqsiet ghalfejn din kienet giet posposta ghall-gurnata ohra ladarba d-data taghha kienet giet deciza fil-laqgha tal-Kunsill u ghalfejn ma kinietx giet informata b'dan il-kambjament. Is-Sindku wiegeb li ghandu jivverifika ghalfejn seta' gara dan.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **61-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondat mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 10171 sa 10241, bir-rizultat:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.3 Il-Kunsillier Edward Torpiano ressaq mozzjoni biex il-Kunsill ihallas €100 lis-Sur Dion Galea tal-irbit tal-palm fi Triq Sant'Anna dakinhar ta' lejliet l-Ewwel tas-Sena, issekondat mill-Kunsilliera Sandra Sammut Hili, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (NH, SSH, FD, ET, VB)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

4.4 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jinzamm ic-cekk numru 10232 pagabbli lis-Sur Dion Galea sakemm il-Kunsill ikun iccertifika li x-xoghol sar b'mod soddisfacenti. Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jenfasizza mal-Perit tal-Kunsill li l-ebda xoghol m'ghandu jigi ccertifkat anke jekk ikun hemm l-inqas haga li mhux skont kif mitlub.

4.5 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jimmulta lil DJS Trading Ltd. l-ammont ta' €200 ghall-big screens li ma kienux intuzaw u l-ammont ta' €200 ohra talli ma mxewx mal-programm tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena u kienu damu ma bdew.

4.6 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mill-Sindku Nigel Holland, minn zewg Kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 5.0 Hatra ta Skrivan Gdid

5.0 Is-Sindku Nigel Holland ipprezenta r-rapport tal-Bord tal-Ghazla dwar l-impjieg ta' skrivan gdid u talab lill-Kunsill biex jiehu decizjoni dwar din l-ghazla.

5.1 Il-Kunsill qabel nem.con li jimpjega lis-Sur Godwin Azzopardi bhala skrivan gdid fi Skala hmistax (15) peress li ghandu l-kwalifiki necessarji u ghandu esperjenza fix-xoghol tal-Kunsill.

## 6.0 Zona tal-Park and Ride

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li kien talab li din il-materja titpogga fuq l-agenda wara li din iz-zona kienet fil-media f'dawn l-ahhar gimghat minhabba li mid-dehra ma kinietx qed tigi uzata.

6.2 Huwa zied jghid li din iz-zona kienet qed tigi ppatronizzata ftit li xejn u ghalhekk kien qed jipproponi li l-Kunsill jivverifika jekk iz-zona hux qed tintuza jew le u f'kaz li le, ghandu jinforza mal-awtoritajiet kompetenti li jerga jibda jsir l-uzu tant bzonnjuz minnha. Dan minhabba li din kienet l-unika medda t'art libera fil-Floriana u anke minhabba li jekk din ma tintuzax mill-Park & Ride, kienet ser terga' tizdied il-pressjoni fuq ir-resident Furjaniz minhabba l-problema ta' parkegg li kienet ser tkompli tizdied fil-lokalita'.

6.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Transport Malta u jitlob dettalji u anke cifri ta' kemm kien qed jintuza l-Park & Ride kuljum.

**Nota: 20:05 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**
**Il-Vici-Sindku Franco Davies talab li jkun skuzat.**

## 7.0 Gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghal dak li kien gie diskuss fil-laqgha precedenti fejn il-Kunsill iddecieda li jitlob il-parir tal-Avukat tieghu sabiex jara x'inhuma d-drittijiet tieghu fil-materja li tirrigwarda il-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li wara li kien ikkonsulta mal-Avukat tal-Kunsill, dan kien informah li l-kuntratt li kellu l-Kunsill mal-kuntratturi kien car u jghid li l-kuntratturi huma marbutin ghat-tliet snin li gejjin. Ghalhekk il-Kunsill seta' jobbligahom ihallsu l-kera tas-sentejn li fadal jew inkella jista' jaghzel li jaccetta t-talba taghhom, izomm il-kera li hallsu sa Lulju u jerga johrog sejha ghall-offerti ohra sabiex terga tibda tinkera l-gabbana tac-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

7.3 Wara li gew diskussi z-zewg alternattivi, il-Kunsill qabel li ghandu jimxi skont il-kuntratt u jitlob lill-kuntratturi jhallsu l-kera tas-sentejn li gejjin.

**Nota: 20:20 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**

## 8.0 Festival Nazzjonali tan-Nar tal-Art Mekkanizzat

8.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi informa lill-Kunsill bis-sitwazzjoni prezenti. Huwa zied jghid li wara li l-Kunsill kien hareg sejha ghall-kmamar tan-nar kollha, kienu tnejn biss dawk interessati li jiehdu sehem fl-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat.

8.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla jghid li wara laqgha li kellu mal-kuntrattur is-Sur Noel Castillo, kien gie propost li l-festival isir fuq bazi non-kompetittiva ladarba ma kienx hemm bizzejjed partecipanti.

8.3 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jilqa' dan is-suggeriment u ghall-ewwel darba jorganizza dan il-festival mhux fuq bazi kompetittiva. Huwa ppropona li l-Kunsill javvicina lil xi kmamar tan-

nar u jikkumissjonahom jahdmu xi bicciet tan-nar. B'hekk, il-Kunsill ma jkunx qabez l-ispiza li kien nefaq is-sena l-ohra.

**Nota: 20:25 Il-Vici-Sindku Franco Davies rega rritorna ghal-laqgha.**

8.4 Is-Segretarju Ezekuttiv S. Flores gibed l-attenzjoni tal-Kunsill rigward il-futur qaghda finanzjarja talKunsill, ladarba naqas drastikament id-dhul mic-citazzjonijiet. Il-Kunsill ghandu jirrevedi l-intenzjonijiet tieghu fir-rigward tal-infiq, primarjament fl-attivitajiet.

8.5 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jara x'ser ikun ir-rizultat tal-budget tal-Kunsill ghal din is-sena qabel ma tittiehed decizjoni finali fuq jekk tigiex organizzata l-edizzjoni li jmiss tal-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat jew le.

## 9.0 Pubblikazzjoni tal-Hidma tal-Kunsill Lokali Floriana 2007-2012

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ppropona li bhalma dejjem sar fi tmiem ta' legislatura, il-Kunsill jippublika l-ktejjeb tal-Hidma tal-Hames Kunsill Lokali Floriana 2007-2012.

9.2 Is-Sindku zied jghid li l-Kunsilliera mitluba biex jiktbu faccata fuq il-hidma taghhom fil-Kunsill u jghaddu l-messagg taghhom dejjem b'attenzjoni u bla lok ghal libelli. Huwa kompla jghid li tali pubbblikazzjoni tghaddi ghall-approvazzjoni tal-Kunsill qabel ma tigi ppublikata.

9.3 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kwotazzjonijiet sabiex tkun tista' tinhareg din il-pubblikazzjoni.

**Nota: 20:50 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 10.0 Ħwejjeġ Oħra

10.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal dak li gie diskuss fil-laqgha precedenti u informa li kien talab kwotazzjoni lil John Bennetti biex issir il-bollard fi Triq l-Iljun c/w Triq l-Argotti, li tammonta ghal €177. Il-Kunsill qabel li ghandu l-ewwel jiddeciedi kif kienet ser issir din il-bollard qabel ma jipprocedi.

10.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li l-Kunsill jiehu hsieb jaghmel raff fil-garaxx sabiex ikollu fejn jahzen u jaghmel xi xkaffar fejn ikunu jistghu jintrefghu l-affarijiet. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li ghandu japplika ghall-installazzjoni ta' meter tal-elettriku.

10.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghax-xoghol tal-ilma li sar mill-Ministeru u qal li wara li nqalghet il-bankina, din kienet tkahhlet biss u ma kienux regghu wahhlu l-porfido. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob kwotazzjoni lill-kuntrattur Dion Galea biex kif inhu ghaddej bix-xoghol fuq il-bankini ta' Balzunetta, iwahhal ukoll il-madum. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

10.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ippropona li ssir un/loading bay faccata ta' Lalu's Bar. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

10.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq ghall-attenzjoni tal-Kunsill il-bzonn li titranga t-tappiera li hemm quddiem Norman Hamilton fi Triq San Publju. Il-Kunsill qabel li ghandu jiehu l-azzjoni necessarja sabiex din ma tibqax ta' periklu.

10.6 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret lill-Kunsill f'Jum il-Housing li kien ser jigi organizzat nhar is-16 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill qabel li l-konferenza stampa ghandha tittella' quddiem post vakanti fil-lokalita' sabiex ikompli jissahhah l-argument tal-ammont kbir ta' proprjeta' vakanti fil-lokalita'.

10.7 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili fakkret lill-Kunsill fil-Laqgha Annwali li tigi organizzata kull sena. Il-Kunsill qabel li din is-sena, il-Laqgha Annwali ghandha ssir nhar id-9 ta' Frar 2012 fis-7.30pm.

10.8 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex ittella' coffee morning nhar l-24 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill approva.

**Nota: 21:00 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' rritorna ghal-laqgha.**

10.9 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata mir-residenti li joqghodu fi Triq l-Isqof Mauro Caruana fejn talbu li l-planters tat-triq jinzebghu kannella. Hija ziedet tghid li kien hemm resident li offra li jizboh il-planters bla hlas jekk il-Kunsill jipprovdi z-zebgha. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

10.10 Il-Kunsilliera Sandra Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet talbet kwotazzjoni lill-Koptasin biex isiru xi road signs fi Triq San Frangisk, li tammonta ghal €430 bit-twahhil taghhom inkluz. Il-Kunsill qabel li ghandu jmexxi b'din il-kwotazzjoni.

10.11 Is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores fakkar lill-Kunsill fl-iSkema ta' Finanzjament ta' Restawr ta' Postijiet storici zghar u talab lill-Kunsill jissuggerixxi postijiet li kellhom bzonn restawr. Il-Kunsill qabel li ghandu jipproponi l-bieb ta' Gnien San Filippu, il-funtana li tinsab fi Gnien San Filippu u t-torri ta' Wignacourt fi Triq Sarria.

10.12 Is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores informa lill-Kunsill li kien ircieva kont minghand DJS Trading Ltd. ghal tliet barriers li kienu tkissru dakinhar tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jhallas dan il-kont minhabba li l-kirja kienet saret minn DJS Trading Ltd. u ghalhekk ir-responsabbilta' tal-barriers kienet taghhom u mhux tal-Kunsill.

**Nota: 21:15 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

10.13 Is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores informa lill-Kunsill li d-donazzjonijiet li ngabru ghall-Puttinu Cares mill-isponsorships tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena, kienu ser jigu pprezentati nhar il-21 ta' Jannar 2012 matul ir-riceviment annwali tal-Kunsill.

10.14 Is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores informa lill-Kunsill li wara ezercizzju li ghamel, kien irrizulta li l-ispiza totali tac-Celebrazzjonijiet ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena fi Triq Sant'Anna kienet tammonta ghal approssimament €46,000.

**Nota: 21:20 Is-Sindku Nigel Holland rega' rritorna ghal-laqgha.**

10.15 Is-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores ippropona li jsiru xi arrangamenti fl-ufficcju tal-istaff amministrattiv tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

## 11.0 Aġġornament tal-laqgħa

11.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 8 ta’ Frar 2012 fil-5.15pm.

Il-laqgha ntemmet fid-21.35.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv